MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1571/2004

**Jimcam Enterprises Limited**

**Vs**

**John Bartolo**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti bilanc u mghaxijiet dovuti mill-konvenut fuq bejgh ta' vann Ford Transit.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal:

- **Fl-ewwel** lok qal illi mhux il-legittimu kuntradittur.
- **Fit-tieni** lok qal illi l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *ratione valoris* stante li fuq skorta ta' sentenzi biex it-

Tribunal jasal ghad-decizjoni jekk l-interessi mitluba humiex dovuti jew le jrid jissindaka kuntratt il-meritu ta' liema jezorbita l-kompetenza tieghu.

- **Fit-tielet** lok qal illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

- **Fir-raba'** lok qal li ebda nteressi m'huma dovuti.

- **Fil-hames** lok qal li kull ammont gie saldat anzi saru pagamenti oltre dak talvolta miftiehem, fl-ammont ta' elf lira Maltin (Lm1,000) ghal liema ammont qed issir kontestwalment Kontro-Talba ghar-rifuzjoni u hlas.

Ra x-xhieda ta' Jane Camilleri li hija Office Manager mas-socjeta' attrici fejn tikkonferma li l-konvenut kien xtara vettura vann Ford Transit minghand l-istess socjeta' attrici. Tikkonferma li l-konvenut hallas elf lira Maltin (Lm1,000) bhala depozitu u ghalhekk kien ghad fadal il-bilanc ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2,800).

Tghid li kienet tibghat lill-konvenut l-i*statements* u fil-25 ta' Marzu, 2000 Bartolo mar jaghmel pagament ta' hames mitt lira Maltin (Lm500). Kien dakinhar li sar ftehim sabiex il-konvenut ihallas is-somma fi zmien xahar.

Camilleri tghid li l-ftehim kien li ghall-ewwel tlett snin is-socjeta' attrici ma tippretendix imghax imma l-konvenut kellu jhallas l-imghax ta' l-ahhar tlett snin. Jekk l-ammont ma jithallasx s'April 2000 l-imghax kollu dovut jigifieri mill-ewwel tlett snin kif ukoll ghat-tlett snin ta' wara jigi dovut. L-ahhar pagament li ghamel kien f'Ottubru 2000. Tikkonferma li l-konvenut naqas milli jhallas il-kumplament.

Tghid ukoll illi l-kuntratt ta' bejgh sar ma' Mark Bartolo u mhux ma' John Bartolo.

Ra x-xhieda ta' Jimmy Camilleri fejn jikkonferma li qalet Jane Camilleri. Jghid ukoll illi dwar l-imghax ma sarx

ftehim izda jippretendi l-imghax mill-1997. Jghid ukoll illi qatt ma pprezenta Ittra Ufficjali fejn talab l-imghax.

Camilleri jghid illi l-konvenut kien tah trakk sabiex jiskrepjah. Camilleri jikkonferma li m’ghandux prova tal-karti ta’ l-iscrap. Jghid li qatt ma sar bejgh ta’ dan it-trakk.

Jghid li l-ftehim kien sar mal-konvenut u t-tifel tieghu ghaliex huma kienu jirrapprezentaw il-kumpanija JB & Sons. Camilleri jghid illi kien iffirma t-transfer ghax il-konvenut kien accertah li ser ihallas.

Ra x-xhieda ta’ Mark Bartolo fejn jikkonferma li JB & Sons xtraw vann minghand is-socjeta’ attrici. Jghid illi qatt ma kienu ftiehmu kif ser jithallas l-imghax. Jghid ukoll illi bhala pagamenti JB & Sons kienet hallset l-ammont ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) ghall-vann.

Bartolo jikkonferma li kien ha trakk lis-socjeta’ attrici sabiex tbieghu.

Jikkonferma wkoll il-firma tieghu fuq il-kuntratt.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi hu kien ta trakk lis-socjeta’ attrici biex tbieghu izda l-istess socjeta’ qatt ma taghtu xejn lura. Il-konvenut jghid li kien wehel multa ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) minhabba li kien ta lis-socjeta’ attrici dana t-trakk.

Ra n-Nota tal-konvenut.

Jikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument a fol 37 tal-process. Fuq din jghid illi hu jiffirma li jaghtuh. Is-socjeta’ attrici ma kienetx qaltlu x’inhu jiffirma. Camilleri qatt ma kellem lill-konvenut dwar hlas.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut iffirma dokument (Dok. JE2 a fol 23 tal-process) fejn iddikjara li huwa debitur fl-ammont ta’ elf mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1,120.34c). Illi l-konvenut ikkonferma li ffirma dan id-

dokument. Illi t-Tribunal ma jistax jaccetta l-ispjegazzjoni tieghu li hu jiffirma l-karti li jaghtuh. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li m'hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Kieku l-konvenut kien qieghed jiffirma ghan-nom ta' xi socjeta' kien l-istess konvenut li kellu d-dover li javza lis-socjeta' attrici f'dan is-sens. Ghalhekk **l-ewwel** eccezzjoni hi michuda.

Illi **fit-tieni** eccezzjoni l-konvenut jghid li t-Tribunal mhux kompetenti billi jrid jissindaka kuntratt. Illi din l-eccezzjoni hi wkoll michuda billi s-socjeta' attrici llimitat it-talba taghhom ghall-ammont ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500).

Illi **fit-tielet** eccezzjoni l-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148 (b). Illi skond dan l-Artikolu:

"Actions of creditors for the price of merchandise, goods or other movable things, sold by retail…are barred by the lapse of eighteen months."

Illi l-bejgh sar fl-1994 u l-ahhar pagament sar f'Marzu 2000. Il-kawza giet ipprezentata f'Awissu 2004. Ma giet esebita l-ebda Ittra Ufficjali. Il-bejgh sar lil Mark Bartolo. Il-konvenut accetta li jhallas l-ammont ta' elf mija u ghoxrin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm1,120.34c) skond dokument datat 28 ta' Marzu, 2000. Il-hlas, skond l-istess dokument kellu jsir sat-30 t'April, 2000. Illi skond l-Artikolu 2151 (1) tal-Kodici Civili jekk hemm dikjarazzjoni bil-miktub mid-debitur l-azzjoni ma tigix preskritta qabel hames snin mid-data ta' din id-dikjarazzjoni.

Ghalhekk it-tielet eccezzjoni hi michuda.

Illi l-konvenut eccepixxa wkoll li m'hemmx imghax dovuti. Illi bhala fatt jirrizulta li skond id-dikjarazzjoni stess tal-konvenut l-ammont dovut jinkludi mghax. Ghalhekk **ir-raba'** eccezzjoni wkoll hi michuda.

**Fil-hames** eccezzjoni l-konvenut sostna li hallas kollox u anzi saru pagamenti oltre dak miftiehem fl-ammont ta' elf

lira Maltin (Lm1,000). Il-konvenut ipprezenta Kontro-Talba ghall-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000).

Illi kien il-konvenut li kellu jipprova l-hlas u kellu jipprova li hallas elf lira Maltin (Lm1,000) zejjed. Il-konvenut ma gabx tali prova. Ghalhekk din l-eccezzjoni u l-Kontro-Talba huma michuda.

Illi ghar-rigward l-ammont dovut il-vann inbiegh ghal tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) u sar hlas fl-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) fuq il-kuntratt, hames mitt lira Maltin (Lm500) f’Awissu 1994, hames mitt lira Maltin (Lm500) f’Ottubru 1994 u hames mitt lira Maltin (Lm500) f’Awissu 1997. Ghalhekk f’Awissu 1997 kien ghad hemm dovut elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300). Skond l-i*statement* tas-socjeta’ attrici saru zewg pagament ulterjuri ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) kull wiehed. Illi skond l-i*statement* l-imghax huwa kkalkolat bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%). Illi dan huwa llegali.

Ghalhekk skond il-kalkoli ta’ dan it-Tribunal l-ammont dovut bhala kapital huwa ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300). Skond l-Artikolu 1434 tal-Kodici Civili l-imghax huwa dovut bil-hamsa fil-mija (5%) fis-sena.

Ghaldaqstant jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad il-Kontro-Talba tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ tlett mitt lira Maltin (Lm300) bl-imghax bil-hamsa fil-mija (5%) fis-sena mill-ahhar pagament maghmul mill-konvenut sal-pagament finali. Billi s-socjeta’ attrici kienet qieghda tippretendi izjed mill-ammont dovut u kienet qieghda tippretendi imghax bit-tmienja fil-mija (8%) kull parti jhallas l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------